Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,671, 23 ta' Lulju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XLV tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379 u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 510 sabiex tiġi implimentata d-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu infurzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u wkoll biex tipprovdi għall-ħwejjeġ anċillari jew inċidentali ma' dawn jew marbuta magħhom.

ACT No. XLV of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Competition Act, Cap. 379 and the Malta Competition and Consumer Affairs Authority Act, Cap. 510 to implement Directive (EU) 2019/1 of the European Parliament and of the Council of 11 December 2018 to empower the competition authorities of the Member States to be more effective enforcers and to ensure the proper functioning of the internal market and also to provide for such matters ancillary or incidental thereto or connected therewith.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

23 ta' Lulju, 2021

ATT Nru XLV tal-2021

Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379 u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 510 sabiex tiġi implimentata d-Direttiva (UE) 2019/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jingħataw setgħat biex ikunu infurzaturi aktar effettivi, u biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u wkoll biex jipprovdi għall-ħwejjeġ anċillari jew inċidentali ma' dawn jew marbuta magħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-turiżmu u l-protezzjoni tal-konsumatur jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u huwa jista' hekk jistabbilixxi dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

Taqsima I

Emendi għall-Att dwar il-Kompetizzjoni

Emendi għall-Att dwar il-Kompetizzjoni. Kap. 379.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kompetizzjoni, minn hawn iżjed 'il quddiem f'din it-taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Awtorità" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità tal-kompetizzjoni" tfisser l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni Ewropea jew it-tnejn li huma, kif jeħtieġ il-kuntest;";

(b) it-tifsira "Awtorità Nazzjonali dwar il-Kompetizzjoni" għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

" "Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni" tfisser awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni kif maħtura skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1/2003 li hija responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "bejgħ totali dinji" tfisser il-fatturat annwali totali dinji ta' intrapriża u, jew ta' għaqda ta' intrapriżi kkonċernati;";

(d) it-tifsira "dħul min-negozju" għandha tiġi mħassra;

(e) minnufih wara t-tifsira "Direttur Ġenerali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "dokument" tinkludi informazzjoni rrekordjata fi kwalunkwe forma;";

(f) it-tifsira "grupp ta' intrapriżi" għandha tiġi mħassra;

(g) it-tifsira "intrapriża" għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

" "intrapriża" tfisser kull persuna sew jekk individwu, korp magħqud jew xort oħra, jew kull entità

oħra involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li bih tkun iffinanzjata;";

(h) minnufih wara t-tifsira "Ministru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni" tfisser in-netwerk ta' awtoritajiet pubbliċi ffurmat mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni Ewropea sabiex jipprovdi forum għad-diskussjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni u l-infurzar tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE;";

(i) minnufih wara t-tifsira "Qorti" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sottomissjonijiet riżoluttivi" tfisser preżentazzjoni volontarja minn, jew f'isem, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi lill-Uffiċċju, li tiddeskrivi r-rikonoxximent tal-intrapriża u, jew tal-għaqda ta' intrapriżi jew ir-rinunzja tagħha li tikkontesta s-sehem tagħha fi ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew tal-Artikoli 101 jew 102 tat-TFUE u r-responsabbiltà tagħha għal dan il-ksur, li tkun tfasslet speċifikament sabiex tippermetti li l-Uffiċċju japplika proċedura simplifikata jew proċedura mħaffa skont l-artikolu 12B ta' dan l-Att;".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

4. Il-proviso tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jiddelega kwalunkwe mis-setgħat tiegħu lil xi uffiċjal fi ħdan l-Uffiċċju.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

5. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-test Malti, fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "awtorità nazzjonali dwar il-kompetizzjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) (a) Fil-kors ta' kull investigazzjoni magħmula mill-Uffiċċju skont is-subartikolu (1), id-Direttur Ġenerali jista' jitlob lil kull intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi sabiex tipprovdilu kull tagħrif jew dokument li jkunu aċċessibbli għal tali intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi, irrispettivament minn fejn ikunu maħżuna,

għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, li d-Direttur Ġenerali jkollu għalfejn jaħseb li jkunu meħtieġa għall-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata f'dak iż-żmien li fiċ-ċirkustanzi tal-investigazzjoni d-Direttur Ġenerali jqis li jkun raġonevoli:

Iżda tali talbiet għal informazzjoni għandhom ikunu proporzjonati u d-Direttur Ġenerali jista' wkoll jitlob il-mod u l-forma li bihom l-informazzjoni jew id-dokument għandhom jiġu prodotti jew ipprovduti:

Iżda wkoll fil-kors ta' kull investigazzjoni magħmula mill-Uffiċċju skont is-subartikolu (1), id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jitlob lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra biex tipprovdilu kull informazzjoni jew dokument li jistgħu jkunu rilevanti għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE fi żmien speċifikat u raġonevoli.

(b) Fil-kors ta' kull investigazzjoni magħmula mill-Uffiċċju skont is-subartikolu (1), id-Direttur Ġenerali jista' wkoll isejjaħ kwalunkwe rappreżentant ta' intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi, kwalunkwe rappreżentant ta' persuni ġuridiċi oħrajn, u kwalunkwe persuna fiżika oħra, fejn tali rappreżentant jew persuna jistgħu jkollhom informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, biex jippreżentaw ruħhom għal intervista f'post u ħin kif speċifikat mid-Direttur Ġenerali sabiex iwieġbu għal mistoqsijiet fir-rigward ta' kwalunkwe materja rilevanti għall-investigazzjoni:

Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jirrekordja l-intervista fi kwalunkwe mod u forma meqjusa xierqa minnu.

(ċ) L-ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem illi qed tawtorizza lid-Direttur Ġenerali biex jordna l-produzzjoni ta' xi dokument jew jiġi żvelat xi tagħrif li jista' jkun suġġett għad-dmir tas-sigriet professjonali, salv fejn tali żvelar huwa permess skont il-liġi.

(d) Fil-kors ta' kull investigazzjoni, meta persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi jirrispondu għal

mistoqsijiet li jsiru mill-Uffiċċju, kemm jekk bil-miktub u kif ukoll bil-fomm, dik il-persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi konċernati ma għandhomx ikunu obbligati li jagħtu xi risposta li tista' tinvolvi ammissjoni dwar l-eżistenza ta' ksur min-naħa tagħhom tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, iżda huma f'kull każ obbligati li jirrispondu għal mistoqsijiet dwar fatti u jipprovdu d-dokumenti.";

(ċ) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Waqt kull investigazzjoni, kemm matul intervista jew spezzjoni, id-Direttur Ġenerali jista' jieħu dikjarazzjonijiet minn kull persuna, kif ukoll jista' jagħmel kopji ta' kull dokument sottomess lilu, u r-rekord ta' dawk id-dikjarazzjonijiet u ta' dawk il-kopji debitament attestati mid-Direttur Ġenerali jkunu jistgħu jinġiebu bħala prova quddiem il-Qorti u quddiem xi Qorti tal-ġustizzja oħra.";

(d) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) (a) Id-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu awtorizzati minnu u, jew kull persuna oħra awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali, debitament awtorizzati b'mandat maħruġ minn Maġistrat, jistgħu għall-finijiet ta' kull investigazzjoni skont dan l-artikolu, iwettqu kull spezzjoni neċessarja għall-għarrieda u jidħlu u jagħmlu tfittxija f'kull bini, art jew mezz ta' trasport ta' intrapriżi u, jew għaqda ta' intrapriżi għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE. Cap. 379.

(b) Id-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu awtorizzati minnu u, jew kull persuna oħra awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali, debitament awtorizzati b'mandat maħruġ minn Maġistrat, jistgħu, għall-finijiet ta' kull investigazzjoni skont dan l-artikolu, iwettqu kull spezzjoni neċessarja għall-għarrieda u jidħlu u jagħmlu tfittxija f'kull bini, art jew mezz ta' transport, li ma humiex dawk imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, inkluż id-djar ta' diretturi, maniġers, u membri oħra tal-persunal ta' intrapriżi jew għaqdiet ta' intrapriżi, meta d-Direttur Ġenerali jkollu suspett raġjonevoli li d-dokumenti li jirrelataw mal-intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi u mas-suġġett tal-ispezzjoni, li jistgħu jkunu rilevanti sabiex

jiġi ppruvat ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE qed jinżammu f'dak il-bini, art jew mezz ta' trasport:

Iżda l-Maġistrat sabiex jiddeċiedi jekk joħroġx mandat taħt is-subartikoli (7)(a) u (b) għandu jiżgura li l-miżuri koersivi maħsuba la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi.

(ċ) Waqt kull tfittxija skont il-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu, id-Direttur Ġenerali u, jew kull uffiċjal awtorizzat u, jew kull persuna oħra awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali għandu jkollhom is-setgħa li:

(i) jispezzjonaw u jeżaminaw kull oġġett jew dokument, inkluż il-kotba u rekords oħrajn marbuta man-negozju, irrispettivament mill-mezz li fuqu jkunu maħżuna, u jaċċessaw kwalunkwe informazzjoni jew dokument li huma aċċessibbli għall-entità soġġetta għall-ispezzjoni:

Iżda dan jinkludi s-setgħa li jiġu mfittxija dokumenti, fajls jew data fuq apparat li ma jkunx identifikat b'mod preċiż minn qabel:

Iżda wkoll is-setgħa li jiġu eżaminati kotba jew rekords tkopri l-forom kollha ta' korrispondenza, inkluż messaġġi elettroniċi, irrispettivament minn jekk jidhirx li dawn għadhom ma nqrawx jew tħassru;

(ii) jaqbdu u jikkonfiskaw kull oġġett jew dokument, jew jieħdu jew jiksbu, fi kwalunkwe forma kopji ta', jew estratti minn tali kotba jew rekords jew kull dokument ieħor, u meta jikkunsidrawh xieraq, li jkomplu jwettqu tali tfittxijiet għall-informazzjoni u s-selezzjoni ta' kopji jew estratti fil-bini tal-Uffiċċju jew fi kwalunkwe bini dežinjat ieħor;

(iii) jirrikjedu li kull informazzjoni li hija maħżuna f'kompjuter jew f'kull oġġett jew apparat ieħor inklużi servers esterni u servizzi ta' cloud li huwa aċċessibbli mill-bini, art jew mezz ta' trasport, u li d-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu jqisu rilevanti għall-investigazzjoni, jiġi mogħti lilhom

f'għamla li tista' tinġarr u li tkun viżibbli u leġibbli;

(iv) jordnaw li l-oġġetti jew id-dokumenti ma jiġux imneħħija minn dak il-bini, art jew mezz ta' trasport;

(v) jagħlqu u jissiġillaw xi parti jew il-partijiet kollha ta' dak il-bini, art jew mezz ta' trasport, jew jissiġillaw kwalunkwe kotba jew rekords jew kull oġġett jew dokument ieħor għall-perjodu tal-ispezzjoni u sa fejn huwa meħtieġ għall-ispezzjoni;

(vi) jistaqsu lil kwalunkwe rappreżentant jew membru jew persunal tal-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi konċernati għal spjegazzjoni ta' kwalunkwe fatt jew dokument relatat mas-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni, jew jiddikjaraw skont l-aħjar għarfien tagħhom fejn jinstabu dawk id-dokumenti u jżommu rekord tat-tweġibiet;

(vii) jieħdu kull pass li jidhrilhom neċessarju sabiex jikkonservaw kull oġġett jew dokument jew sabiex jipprevjenu kwalunkwe interferenza ma' dak l-oġġett jew dokument.

(d) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni li tinstab fil-Kodiċi Kriminali, id-Direttur Ġenerali għandu jkollu d-dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tirrifjuta milli toħroġ mandat taħt dan is-subartikolu, quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali fi żmien ħamest ijiem mid-data ta' dik id-deċiżjoni u l-Qorti ta' Appell Kriminali għandha tara li tiddeċiedi fl-iqsar żmien possibbli."; Kap. 9.

(e) is-subartikolu (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(8) (a) Il-mandat imsemmi fis-subartikoli (7)(a) u (b) għandu jispeċifika s-suġġett, l-għan tal-ispezzjoni, id-data li fiha l-ispezzjoni għandha tibda u l-penalitajiet rilevanti pprovduti fl-artikolu 21.

(b) Is-setgħat mogħtija bl-artikolu 12(7) għandhom jiġu eżerċitati mid-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu u, jew xi persuna oħra awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali, wara l-produzzjoni ta' mandat maħruġ skont l-imsemmi artikolu.

(ċ) Id-Direttur Ġenerali u, jew kull wieħed mill-uffiċjali tiegħu u, jew xi persuna awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali sabiex jidħlu fil-bini, art jew mezz ta' trasport bis-saħħa ta' mandat maħruġ skont is-subartikoli (7)(a) u (b), jistgħu jieħdu magħhom dak l-apparat li jidhrilhom li jkun neċessarju.".

Emenda tal-artikolu 12A tal-Att prinċipali.

6. L-artikolu 12A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Meta, wara investigazzjoni, id-Direttur Ġenerali jikkunsidra li seta' seħħ ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew ksur tal-Artikolu 101 u, jew 102 tat-TFUE, huwa għandu jippreżenta fil-Qorti rikors ġuramentat:

Iżda għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, id-Direttur Ġenerali jista' jikkunsidra wkoll illi l-ksur tal-artikolu 5 u, jew 9 tal-Att u, jew il-ksur tal-Artikolu 101 u, jew 102 tat-TFUE ikun twettaq f'xi żmien fil-passat:

Iżda wkoll għall-għanijiet tal-proviso preċedenti, huwa irrilevanti jekk il-ftehim, id-deċiżjoni, il-prattika mifthiema jew l-imġiba inkwistjoni tkomplix teżisti:

Iżda wkoll meta d-Direttur Ġenerali jikkunsidra li ftehim jew il-prattika miftiehma jikser l-artikolu 5(1) ta' dan l-Att u, jew l-Artikolu 101(1) tat-TFUE, id-Direttur Ġenerali jista' jiftaħ proċeduri kontra numru ta' intrapriżi li jkun inqas minn dak li effettivament huma parti, jew kienu parti minn dak il-ftehim jew prattika miftiehma, jew li huma jew li kienu qed jipparteċipaw f'dak l-aġir.";

(b) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "Jinkludi talba" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Fejn hu xieraq, jinkludi talba";

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "tal-investigazzjoni mwettqa minnu." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "tal-investigazzjoni mwettqa minnu:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta d-Direttur Ġenerali jiftaħ proċeduri li fir-rigward tagħhom kien irċieva lment, huwa jista'

jipprovdi lil min għamel l-ilment kopja tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tar-rapport.";

(d) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Waqt il-proċeduri tal-Qorti, l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati li jkunu ġew notifikati bir-rikors ġuramentat, għandhom, fuq talba magħmula għal dan il-għan, ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl dwar l-investigazzjoni tal-każ taghhom, bla ħsara għan-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni jew dokumenti identifikati mid-Direttur Ġenerali li jkun fihom sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra, jew dokumenti interni tad-Direttur Ġenerali jew tal-Awtoritajiet dwar il-Kompetizzjoni ta' Stati Membri oħra. Id-Direttur Ġenerali għandu jipprovdi aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni f'kull żmien:

Iżda kwalunkwe dokument li jifforma parti mill-aċċess għall-fajl jista' jiġi pprovdut mid-Direttur Ġenerali lill-konvenut f'seduti differenti.";

(e) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu u fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tiegħu taħt dan l-Att u taħt kull regolament magħmul taħtu, id-Direttur Ġenerali għandu jirrikorri għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għad-deċiżjonijiet u stqarrijiet relevanti tal-Kummissjoni Ewropea inkluż avviżi interpretattivi dwar id-dispożizzjonijiet relevanti tat-TFUE u tal-leġiżlazzjoni sekondarja relattiva għall-kompetizzjoni u jista' jirrikorri għad-deċiżjonijiet tiegħu u għal dawk tal-Qorti, u għal dawk tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust:

Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jirrikorri għal sorsi oħra sakemm ikunu konsistenti mas-sentenzi rigward il-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u d-deċiżjonijiet u l-istqarrijiet tal-Kummissjoni Ewropea."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

Kap. 12.

"(8) Minkejja kull dispożizzjoni oħra li tinstab fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-evidenza ammissibbli quddiem il-Qorti u fil-każ ta' investigazzjoni, quddiem l-Uffiċċju, għandha tinkludi dokumenti, stqarrijiet orali, messaġġi elettroniċi, reġistrazzjonijiet u l-oġġetti kollha l-oħra li jkun fihom l-informazzjoni, irrispettivament mill-forma tagħha u l-mezz li fuqu l-informazzjoni hija maħżuna.".

Emenda tal-artikolu 12B tal-Att prinċipali.

7. L-artikolu 12B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Id-Direttur Ġenerali flimkien ma' kwalunkwe intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi għandhom id-dritt jitolbu, kemm fil-kors tal-investigazzjoni quddiem l-Uffiċċju jew fi kwalunkwe stadju wara l-għeluq tal-imsemmija investigazzjoni, li l-investigazzjoni jew il-proċeduri quddiem il-Qorti, skont il-każ, jiġu terminati b'kunsens reċiproku bejn id-Direttur Ġenerali u l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati permezz ta' proċedura ta' riżoluzzjoni li tkun tinkludi s-sejba ta' ksur skont l-artikolu 13(1) u l-impożizzjoni ta' penali mill-Qorti skont l-artikolu 21(1) kif provdut fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "li tinkludi l-impożizzjoni ta' penali minn din l-imsemmija Qorti:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li tinkludi s-sejba ta' ksur skont l-artikolu 13(1) u l-impożizzjoni ta' penali skont l-artikolu 21(1) minn din l-imsemmija Qorti.";

(ċ) "fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem, "permezz ta' rikors konġunt li għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti" għandhom jiġu sostitwti bil-kliem "quddiem l-Uffiċċju";

(d) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) (i) Id-dokumenti u l-informazzjoni skambjati bejn id-Direttur Ġenerali u l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati waqt il-proċedura ta' riżoluzzjoni huma kunfidenzjali:

Iżda l-informazzjoni mogħtija skont is-subartikolu (5) għandha tkun kunfidenzjali fir-rigward ta' partijiet oħra soġġetti għall-investigazzjoni rilevanti

quddiem l-Uffiċċju, ħlief meta d-Direttur Ġenerali jkun ta awtorizzazzjoni espliċita minn qabel għall-iżvelar.

(ii) Sottomissjonijiet riżoluttivi għandhom ikunu aċċessibbli biss lill-intrapriżi u, jew lill-għaqda ta' intrapriżi li jkunu soġġetti għall-investigazzjoni rilevanti quddiem l-Uffiċċju jew huma soġġetti għall-proċeduri rilevanti quddiem il-Qorti istitwiti skont l-Att jew huma soġġetti għal kwalunkwe proċeduri rilevanti quddiem il-Qorti tal-Appell u unikament għall-għanijiet li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' difiża.

(iii) Il-parti li tkun kisbet aċċess għall-fajl waqt l-investigazzjonijiet quddiem l-Uffiċċju jew il-proċeduri quddiem il-Qorti jew il-Qorti tal-Appell tista' tuża biss l-informazzjoni meħuda minn sottomissjonijiet riżoluttivi ppreżentati taħt dan l-Att fejn ikun neċessarju, sabiex teżerċita d-dritt tad-difiża tagħha fi proċeduri quddiem il-Qrati ta' Malta f'każijiet li jkunu direttament relatati mal-każ fejn ikun ingħata l-aċċess, u unikament fejn dawn il-proċeduri jikkonċernaw:

(a) l-allokazzjoni bejn il-parteċipanti f'kartell ta' penali imposta *in solidum* fuqhom mill-Qorti; jew

(b) l-appell quddiem il-Qorti tal-Appell minn sentenza tal-Qorti li tkun sabet ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att jew tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE.

(iv) Il-partijiet li jingħataw aċċess għas-sottomissjonijiet riżoluttivi flimkien mar-rappreżentanti legali tagħhom li jingħataw aċċess f'isimhom, ma jistgħux jagħmlu xi kopja b'mezzi mekkaniċi jew elettroniċi ta' xi informazzjoni fis-sottomissjonijiet riżoluttivi li għalihom ġie mogħti l-aċċess.";

(e) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-parti introduttiva li tippreċedi l-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "Is-sottomissjonijiet riżoluttivi li jridu jiġu inklużi fir-rikors konġunt għandhom ikollhom dikjarazzjoni volontarja mill-intrapriża u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, li jkollha l-informazzjoni li ġejja:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Is-sottomissjonijiet riżoluttivi sottomessi quddiem l-Uffiċċju skont is-

subartikolu (5) għandhom jiġu preżentati flimkien mar-rikors konġunt u għandu jkun fihom dikjarazzjoni volontarja mill-intrapriża u, jew mill-għaqda ta' intrapriżi konċernati, li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kelma "massimu" għandha tiġi mħassra;

(iii) fil-paragrafu (f) tiegħu l-kliem "kontestazzjoni fi kwalunkwe mod tal-proċedura ta' riżoluzzjoni jew is-sentenza tal-Qorti, inkluż il-penali; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kontestazzjoni fi kwalunkwe mod tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, l-investigazzjoni marbuta mal-proċedura ta' riżoluzzjoni, jew is-sentenza tal-Qorti, inkluż il-penali; u kif ukoll rinunzja għal kwalsiasi azzjoni jew pretensjoni derivanti mill-istess proċedura ta' riżoluzzjoni u, jew relatata mal-investigazzjoni marbuta mal-proċedura ta' riżoluzzjoni, u jew relatata mas-sentenza tal-Qorti, u jew mal-penali;";

(iv) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(g) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda tal-intrapriżi konċernati li qiegħda taqbel mal-kontenut tas-sottomissjonijiet riżoluttivi u li qiegħda taqbel mal-fatti u l-evalwazzjoni ġuridika tal-fatti tal-ksur kif stabbilit mid-Direttur Ġenerali fir-rikors konġunt; u ";

(v) minnufih wara l-paragrafu (g) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu (h) ġdid li ġej:

"(h) dikjarazzjoni tal-intrapriża u, jew tal-għaqda tal-intrapriżi konċernati li qiegħda taqbel illi rikors konġunt jiġi ppreżentat fil-Qorti flimkien mad-Direttur Ġenerali sabiex jittermina l-investigazzjoni jew il-proċeduri, skont il-każ, permezz tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, u sabiex titlob lill-Qorti sabiex tagħti sentenza abbażi tar-rikors konġunt:

Iżda r-rikors konġunt għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni li ġejja mid-Direttur Ġenerali:

(i) deskrizzjoni qasira tal-fatti tal-ksur u l-evalwazzjoni ġuridika tal-fatti tal-ksur; u

(ii) l-ammont speċifiku tal-penali li jkun

qiegħed jitlob id-Direttur Ġenerali sabiex tiġi imposta fuq l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati;"; u

(f) fis-subartikolu (9) tiegħu l-kliem "billi jnaqqas l-ammont tal-penali mitluba lill-Qorti kontra l-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi bil-perċentwali ta' bejn għaxra fil-mija u ħamsa u tletin fil-mija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "billi jnaqqas l-ammont tal-penali li kieku kienet tiġi mitluba mid-Direttur Ġenerali sabiex tiġi imposta mill-Qorti skont l-artikolu 21(1) tal-Att b'għaxra sa ħamsa u tletin fil-mija (10-35%)".

8. L-artikolu 12Ċ tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 12Ċ tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "sigrieti tan-negozju u informazzjoni kunfidenzjali oħra." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex ifittex il-fehmiet tal-parteċipanti tas-suq jew ta' xi terzi persuni oħra billi jinfurmahom direttament rigward ir-rabtiet proposti, liema talba għandha tinkludi wkoll l-awtorizzazzjoni tal-Qorti dwar il-mezz li permezz tiegħu l-imsemmija rabtiet proposti għandhom jiġu ppubblikati u ż-żmien li fih għandhom jiġu riċevuti l-fehmiet kollha tal-parteċipanti tas-suq jew ta' xi terzi persuni oħra fir-reġistru tal-Qorti.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (7) ġdid li ġej:

"(7) L-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħat sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tar-rabtiet imsemmija fis-subartikolu (1) jew fl-artikolu 17 u għal dan il-għan, l-artikolu 12 għandu japplika *mutatis mutandis*.".

9. L-artikolu 12D tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li Sostituzzjoni tal-artikolu 12D tal-Att prinċipali.

ġej:

"Aċċess għall-fajl mill-partijiet u limitazzjonijiet fuq l-użu ta' informazzjoni.

12D. Il-kategoriji ta' informazzjoni li ġejjin miksuba minn parti waqt investigazzjoni tal-Uffiċċju jew waqt proċeduri quddiem il-Qorti ma għandhomx jintużaw minn dik il-parti fi proċeduri quddiem il-Qrati Maltin, sakemm il-Qorti ma tkunx itterminat il-proċeduri tagħha fir-rigward tal-partijiet kollha taħt investigazzjoni billi tagħti sentenza msemmija fl-artikoli 12Ċ, 13 jew 13A, jew sakemm ma tkunx itterminat il-proċeduri tagħha b'xi mod ieħor, jew sakemm l-Uffiċċju ma jkunx temm l-investigazzjoni tiegħu fir-rigward tal-partijiet kollha taħt investigazzjoni billi jagħti deċiżjoni skont l-artikolu 17, jew sakemm ma jkunx temm l-investigazzjoni tiegħu b'xi mod ieħor:

(a) informazzjoni li tkun ġiet ippreparata minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra speċifikament għall-investigazzjoni mwettqa mill-Uffiċċju jew għall-proċeduri quddiem il-Qorti;

(b) informazzjoni li l-Uffiċċju ħejja u bagħat lill-partijiet matul l-investigazzjoni tiegħu; u

(ċ) sottomissjonijiet riżoluttivi li ġew irtirati.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

10. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Meta l-Uffiċċju jkun informa lill-Kummissjoni Ewropea skont l-artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 u l-Qorti tiddeċiedi li ma hemmx bażi sabiex tkompli l-proċeduri quddiemha u bħala riżultat tagħlaq dawk il-proċeduri, l-Uffiċċju għandu jinforma lill-Kummissjoni Ewropea b'dan.".

Emenda tal-artikolu 13B tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 13B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel proviso tas-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "skont l-artikoli 12Ċ jew 13 tal-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont l-artikoli 12Ċ, 13, 13A jew 21 tal-Att";

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kliem "għall-infurzar tas-sentenzi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għall-infurzar tas-sentenzi u d-digrieti";

(ċ) fis-subartikolu (7) tiegħu l-kliem "tista' tirrikorri" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "għandha tirrikorri"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

"(8) Il-proċeduri quddiem il-Qorti dwar l-allegat ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att u, jew tal-Artikolu 101 jew 102 tat-TFUE, inkluż l-eżerċizzju tas-setgħat mid-Direttur Ġenerali u l-Uffiċċju taħt dan l-Att u, jew kull regolament magħmul taħtu li japplikaw dawk l-artikoli, għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.".

12. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "huwa għandu jinforma b'dan lil min għamel l-ilment." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "huwa għandu jinforma b'dan lil min għamel l-ilment:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fejn, wara li ġiet infurmata l-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, l-Uffiċċju jiddeċiedi li ma hemmx raġunijiet sabiex ikompli l-investigazzjoni u bħala riżultat jagħlaq l-investigazzjoni, l-Uffiċċju għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni Ewropea.";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Qorti:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fil-każ ta' proċeduri istitwiti taħt dan l-artikolu quddiem il-Qorti jew quddiem il-Qorti tal-Appell, id-Direttur Ġenerali għandu jaġixxi bħala parti uffiċjali fil-proċeduri u għandu jgawdi mill-istess drittijiet li jappartjenu lill-kontroparti tiegħu.".

13. L-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

(a) l-ewwel proviso tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda kull digriet li jimponi miżuri *interim* maħruġ skont din id-dispożizzjoni għandu jkun eżegwibbli mid-data ta' meta jingħata u kull miżura interim għandha tkun proporzjonata u għandha tapplika għal perjodu ta' żmien speċifiku li jiġi ddeterminat mill-Qorti, jew sakemm tingħata sentenza finali mill-Qorti fuq il-mertu:";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li ġiet ippreżentata."

għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu t-talba li ġiet ippreżentata:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda flimkien mar-rikors, id-Direttur Ġenerali jista' wkoll jinkludi rapport fil-lingwa Ingliża bi kwalunkwe riżultanzi in sostenn tat-talba tiegħu.";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-intrapriżi u, jew lill-għaqdiet ta' intrapriżi konċernati li għandhom jippreżentaw risposta fi żmien tmint ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, li għandha tinkludi s-sottomissjonijiet kollha li għandhom isiru flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li qed tiġi ppreżentata:

Iżda l-Qorti tista' tnaqqas l-imsemmi perjodu f'dan is-subartikolu, kif hija tħoss xieraq fiċ-ċirkostanzi.";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "mid-data tan-notifika tar-rikors." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "mid-data tan-notifika tar-rikors:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda appell ippreżentat skont dan is-subartikolu ma għandux ikollu l-effett li jissospendi kwalunkwe miżuri interim imposti mill-Qorti.";

(e) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (7) ġdid li ġej:

"(7) L-Uffiċċju għandu jinforma lin-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni dwar il-miżuri interim imposti fil-każ ta' sejba ta' ksur *prima facie* tal-Artikolu 101 u, jew l-Artikolu 102 tat-TFUE, imsemmi fis-subartikolu (1).".

Sostituzzjoni tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

14. L-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li

ġej:

"Immunità jew riduzzjoni tal-penali għal ksur tal-artikolu 5 tal-Att u, jew l-Artikolu 101 tat-TFUE.

16. Meta intrapriża u jew, għaqda ta' intrapriżi tikkoopera mal-Uffiċċju biex tikxef ftehim bejn intrapriżi u, jew deċiżjoni minn għaqda ta' intrapriżi u, jew xi prattika miftiehma li tikser l-artikolu 5 ta' dan l-Att u, jew l-Artikolu 101 tat-TFUE u fejn l-eżistenza ta' tali ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma tkun parzjalment jew kompletament moħbija, id-dispożizzjonijiet misjuba fir-regolamenti dwar l-Immunità mill-Penali u t-Tnaqqis tal-Penali f'Investigazzjonijiet dwar Kartelli għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.".

A.L. 264 tal-2021.

15. L-artikolu 17 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sostituzzjoni tal-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

"Deċiżjoni ta' rabtiet mid-Direttur Ġenerali.

17. (1) Minkejja kull ħaġa li tinstab f'dan l-Att, id-Direttur Ġenerali jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, minflok jibda proċeduri ġudizzjari skont l-artikolu 12A ta' dan l-Att sabiex jitlob lill-Qorti biex tagħti sentenza fejn tiddikjara rabtiet ikunu vinkolanti fuq intrapriżi jew għaqdiet ta' intrapriżi skont l-artikolu 12Ċ ta' dan l-Att, jiddeċiedi li joħroġ deċiżjoni ta' rabtiet fejn jagħmel l-irbit vinkolanti fuq l-intrapriża jew l-għaqda ta' intrapriżi.

(2) Għall-għanjiet tas-subartikolu (1), f'investigazzjoni mibdija bil-ħsieb li tiġi adottata deċiżjoni li tesiġi li l-ksur tal-artikoli 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE għandu jiġi fi tmiemu, id-Direttur Ġenerali jista', wara li b'mod formali jew informali jitlob l-opinjonijiet tal-parteċipanti fis-suq, permezz ta' deċiżjoni jrendi vinkolanti r-rabtiet offruti minn intrapriżi jew l-għaqdiet ta' intrapriżi, fejn dawn ir-rabtiet jindirizzaw it-tħassib espress mid-Direttur Ġenerali. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifikat, u għandha tikkonkludi li ma jkunx għad hemm raġunijiet għal azzjoni mid-Direttur Ġenerali:

Iżda d-Direttur Ġenerali jista' jerġa' jiftaħ il-proċeduri mill-ġdid meta jirriżultalu illi jkun hemm bidla materjali fi kwalunkwe wieħed mill-fatti li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni, jew fejn l-intrapriża jew l-għaqda tal-intrapriżi konċernati jkunu aġixxew b'mod li jmur kontra l-irbit tagħhom, jew fejn id-deċiżjoni msemmija f'dan is-subartikolu ġiet ibbażata fuq tagħrif provdut mill-partijiet li kienet mhux kompluta, inkorretta jew qarrieqa.

(3) (a) Meta d-Direttur Ġenerali jkun biħsiebu jadotta deċiżjoni taħt dan l-artikolu, hu għandu minbarra metodi oħra li d-Direttur Ġenerali jista' jadotta biex jitlob l-opinjoni tal-parteċipanti fis-suq, jippubblika taqsira konċiża tal-każ u l-kontenut ewlieni tal-irbiet jew tal-kors t'azzjoni proposta.

(b) Terzi persuni interessati jistgħu jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom fit-terminu ta' żmien iffissat mid-Direttur Ġenerali fil-pubblikazzjoni.

(ċ) It-terminu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu (b) ma jistax ikun inqas minn xahar.

(d) Fil-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) id-Direttur Ġenerali għandu jieħu kont tal-interess leġittimu tal-intrapriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra.

(4) Kull persuna, intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi kkonċernati jistgħu jikkontestaw, permezz ta' rikors ppreżentat quddiem il-Qorti, kull deċiżjoni ta' rabtiet adottata mid-Direttur Ġenerali fi żmien għoxrin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fuq il-websajt tal-Awtorità:

Iżda r-rikors għandu jiġi notifikat lill-imsemmi Direttur Ġenerali u l-istess Direttur Ġenerali għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika tar-rikors.

(5) Il-Qorti tista' tikkonferma fl-intier jew in parti, jew timmodifika jew tħassar id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali.

(6) Id-Direttur Ġenerali u kull parti fil-proċeduri quddiem il-Qorti li jħossuhom aggravati b'sentenza tal-Qorti skont dan l-artikolu jistgħu jappellaw fuq punt ta' liġi u, jew ta' fatt quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-Qorti, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data ta' dik is-sentenza:

Iżda fil-każ ta' proċeduri istitwiti taħt dan l-artikolu quddiem il-Qorti jew quddiem il-Qorti tal-Appell, id-Direttur Ġenerali għandu jaġixxi bħala parti mill-proċeduri u għandu jgawdi mill-istess drittijiet li jappartjenu lill-kontroparti tiegħu.

(7) Mal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali fit-termini tal-artikolu 19 dik id-deċiżjoni għandha, bla ħsara għad-drittijiet stipulati taħt dan l-artikolu, tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: Kap. 12.

Iżda, minkejja id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan is-subartikolu ma jkunx infurzabbli qabel ma jgħaddu għoxrin ġurnata mid-data ta' meta d-deċiżjoni tkun ippubblikata fuq il-websajt tal-Awtorità u dik id-deċiżjoni ma tkunx ġiet ikkontestata. Kap. 12.

(8) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għall-għanjiet ta' dan l-artikolu l-Uffiċċju: Kap. 510.

(a) għandu jkollu wkoll ir-responsabbilità li jiddetermina u jrażżan prattiċi restrittivi permezz tal-ħruġ ta' deċiżjoni ta' rabtiet; u

(b) fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, flimkien mal-Qorti għandu jaġixxi bħala l-awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni mniżżla fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tar-Regolament 1/2003 sabiex jadotta deċiżjonijiet ta' rabtiet.".

16. L-artikolu 19 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Id-Direttur Ġenerali għandu jkollu s-setgħa, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju u kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali oħra, li jippubblika kull informazzjoni jew materjal ieħor b'konnessjoni ma' dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu jew b'konnessjoni mar-responsabbilitajiet tal-Uffiċċju taħt l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur."; Kap. 510.

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu (3) ġdid li ġej:

"(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jew ta' kull liġi oħra, kull sentenza tal-Qrati ta' Malta ma għandhiex tippubblika evidenza minn dikjarazzjonijiet ta' klemenza ppreżentati skont ir-Regolamenti dwar l-Immunità mill-Penali u t-Tnaqqis tal-Penali f'Investigazzjonijiet dwar Kartelli u evidenza minn sottomissjonijiet riżoluttivi:

A.L. 264 tal-2021.

Iżda l-identità tal-intrapriża jew tal-għaqda ta' intrapriżi li ppreżentat is-sottomissjonijiet riżoluttivi jew id-dikjarazzjoni ta' klemenza għandha tkun magħrufa fis-sentenza.".

Emenda tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

17. L-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-Qorti għandha timponi penali ta' mhux aktar minn għaxra fil-mija tal-bejgħ totali dinji tal-intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi konċernati fis-sena ta' negozju preċedenti għas-sentenza li timponi penali taħt dan is-subartikolu, għal kull wieħed mill-ksur li fih l-intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi, b'intenzjoni jew b'negliġenza:

(a) tikser id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att; u, jew

(b) tikser l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE:

Iżda meta l-ksur magħmul minn għaqda ta' intrapriżi jkun jirrigwarda l-attivitajiet tal-membri tagħha, il-penali ma għandhiex tkun aktar minn għaxra fil-mija tas-somma tal-bejgħ totali dinji ta' kull membru attiv fis-suq affettwat mill-ksur magħmul mill-għaqda ta' intrapriżi.";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "id-dħul tan-negozju annwali tal-membri tagħha" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "il-bejgħ tal-membri tagħha";

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) Ir-responsabbiltà finanzjarja ta' kull intrapriża fir-rigward tal-ħlas tal-penali ma għandiex taqbeż l-

ammont massimu stabbilit fis-subartikolu (1).";

(ċ) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "skont l-artikolu 12Ċ;" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "skont l-artikolu 12Ċ jew 17;";

(d) minnufih wara s-subparagrafu (iv) tas-subartikolu (4)(b) tiegħu għandu jiżdied is-subparagrafu (v) ġdid li ġej:

"(v) l-iżvelar ta' informazzjoni lil xi terza persuna li ma hijiex parti mill-proċeduri rilevanti taħt dan l-Att jew l-ikkuppjar ta' xi dokumenti li jsir kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12B(6).";

(e) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(5) Il-Qorti għandha timponi penali fuq kull persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi li ma tkunx iktar minn ħamsin elf euro (€50,000) jew penali li ma tkunx iżjed minn wieħed fil-mija (1%) tal-bejgħ totali dinji tal-intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi fis-sena tan-negozju preċedenti għas-sentenza li timponi penali taħt dan is-subartikolu, liema minnhom tkun l-ogħla, meta kwalunkwe persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi waqt li għaddejja xi investigazzjoni skont l-artikolu 12 tal-Att jew waqt li għaddejja inkjesta settorjali skont l-artikolu 11A tal-Att, b'intenzjoni jew b'negliġenza:

(a) jagħtu xi informazzjoni falza, qarrieqa, mhux kompluta jew mhix korretta b'risposta għal talba għal informazzjoni jew mistoqsija msemmija fl-artikolu 12 jew ma jipprovdux l-informazzjoni fil-limitu ta' żmien speċifikat;

(b) jipproduċu jew jagħtu, jew jikkawżaw u, jew xjentement, iħallu li jiġi prodott jew mogħti, xi dokument jew informazzjoni li huma jafu li jkunu foloz f'xi dettall sostanzjali;

(ċ) jonqsu milli joqogħdu għal spezzjoni jew, ifixklu lid-Direttur Ġenerali u, jew l-uffiċjali tiegħu u, kwalunkwe persuna oħra awtorizzata jew maħtura mid-Direttur Ġenerali fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom b'mandat maħruġ skont l-artikolu 12(7)(a) u (b);

(d) jiksru s-siġilli affissi minn uffiċjali tal-Uffiċċju jew persuni oħra li jakkumpanjawhom awtorizzati jew maħtura mid-Direttur Ġenerali waqt spezzjoni;

(e) b'risposta għal mistoqsija msemmija fl-artikolu 12(7)(ċ)(vi), jagħtu risposta mhux korretta, qarrieqa, jonqsu jew jirrifjutaw milli jipprovdu risposta kompluta;

(f) jiżvelaw informazzjoni lil xi terza persuna li mhix parti mill-proċeduri rilevanti taħt dan l-Att jew jagħmlu kopji ta' xi dokumenti li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12B(6);

(g) jonqsu milli jidhru għal intervista msemmija fl-artikolu 12; jew

(h) jipprevjenu jew ixxekklu milli ssir xi investigazzjoni jew inkjesta settorjali.";

(f) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) Meta waqt investigazzjoni jew inkjesta magħmula taħt dan l-Att persuna li tkun direttur, maniġer, segretarju, jew xi uffiċjal simili ieħor ta' intrapriża jew għaqda ta' intrapriżi jew kull persuna oħra li trid twieġeb għal talba għall-informazzjoni jew mistoqsija skont l-artikolu 12 xjentement jew bi traskuraġni:

(a) tagħti informazzjoni falza, mhux korretta jew qarrieqa;

(b) tipprovdi informazzjoni mhux kompluta;

(ċ) tipprevjeni jew ixxekkel kwalunkwe investigazzjoni;

(d) tipproduċi jew tagħti, jew tikkawża jew xjentement tħalli li jiġi prodott jew mogħti xi dokument jew informazzjoni li hija taf li tkun falza f'xi dettall materjali; jew

(e) tonqos mingħajr raġuni valida milli tipproduċi l-informazzjoni mitluba,

tista' teħel penali ta' mhux inqas minn elf u

ħames mitt euro (€1,500) u mhux iktar minn għaxart elef ewro (€10,000) u tista' teħel ukoll penali sa elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) għal kull ġurnata ta' nuqqas.";

(g) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Il-Qorti għandha timponi fuq intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi, pagamenti perjodiċi ta' penali ddeterminati b'mod proporzjonali għall-bejgħ dinji totali medju ta' kuljum fis-sena tan-negozju preċedenti tal-intrapriża u, jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati, għal kull jum ta' nuqqas, ikkalkulat mid-data stabbilita fis-sentenza jew fid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali, skont il-każ, sabiex tordnalha jew tordnalhom:

(i) sabiex josservaw ordni ta' waqfien u tal-ebda tkomplija u, jew ordni ta' konformità skont l-artikolu 13A;

(ii) sabiex jimxu ma' miżuri interim skont l-artikolu 15;

(iii) sabiex jimxu ma' rabta magħmula vinkolanti skont l-artikoli 12Ċ jew 17;

(iv) sabiex joqogħdu għal spezzjoni u jipproduċu l-oġġetti mitluba, id-dokumenti jew ir-rekords oħra kif imsemmija fl-artikolu 12;

(v) sabiex jipprovdu informazzjoni kompluta b'risposta għal talba għal informazzjoni kif imsemmi fl-artikoli 11A u 12;

(vi) sabiex jipproduċu informazzjoni korretta u, jew sabiex jipproduċu d-dokumenti mitluba b'risposta għal talba għal informazzjoni msemmija fl-artikoli 11A u 12;

(vii) sabiex jidhru għal intervista kif imsemmija fl-artikolu 12; u

(viii) sabiex jieqfu milli jsegwu kwalunkwe mġiba oħra li tfixkel l-investigazzjoni jew l-inkjesta settorjali u, jew li jirrimedjaw għal kull att jew ommissjoni.";

(h) is-subartikolu (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li

ġej:

"(9) Il-Qorti tista' tikkunsidra kumpens imħallas bħala riżultat ta' riżoluzzjoni konsenswali meta tiddetermina l-ammont tal-penali li għandu jiġi impost għal ksur tal-artikolu 5 u, jew 9 ta' dan l-Att u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE skont ir-regolament 17(3) tar-Regolamenti dwar Ksur tal-Liġi tal-Kompetizzjoni (Azzjonijiet għad-Danni) li jinsabu fl-Iskeda tal-Att"; u

(i) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda (10), (11) u (12) li ġejjin:

"(10) Għall-għanijiet ta' impożizzjoni ta' penali fuq kumpaniji prinċipali u suċċessuri legali u ekonomiċi ta' intrapriżi, il-kunċett ta' intrapriża skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu japplika.

(11) Ir-responsabbiltà għall-pagament ta' kull tip ta' penali taħt dan l-artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra li persuna, intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi jistgħu jkunu soġġetti għalihom taħt xi liġi oħra.

(12) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, fi kwalunkwe ħin qabel ma tingħata sentenza li timponi penali taħt dan l-artikolu, il-Qorti tista' titlob il-bejgħ dinji totali minn kwalunkwe intrapriża u, jew għaqda ta' intrapriżi.".

Emenda tal-artikolu 26A tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 26A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Penali jew pagamenti perjodiċi ta' penali skont l-artikolu 21 tal-Att għandhom ikunu imposti biss jekk proċeduri ġudizzjarji dwar ksur ikkontemplat fl-Att ġew istitwiti fi żmien ħames snin wara li jispiċċa l-ksur:

Iżda f'każ ta' ksur ta' dan l-Att li jirrigwarda talbiet għall-informazzjoni, il-produzzjoni ta' dokumenti u t-twettiq ta' spezzjonijiet, penali jew pagamenti perjodiċi ta' penali skont l-artikolu 21 tal-Att għandhom ikunu imposti biss jekk ġew istitwiti proċeduri ġudizzjarji fi żmien tliet snin wara l-waqfien tal-ksur.";

(b) is-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) (a) Il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penali jew pagamenti perjodiċi ta' penali mill-Qorti skont l-artikolu 21 tal-Att għandu jiġi interrott b'kull miżura ta' investigazzjoni formali tad-Direttur Ġenerali jew, f'każ tal-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, ukoll b'kull miżura ta' investigazzjoni formali ta' awtorità tal-kompetizzjoni bil-għan li jinvestigaw jew jistitwixxu proċeduri għall-ksur.

(b) Il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penali jew pagamenti perjodiċi ta' penali mill-Qorti skont l-artikolu 21 tal-Att għandu jiġi interrott matul il-perjodu tal-investigazzjoni jew il-proċeduri quddiem l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ta' Stati Membri oħra jew il-Kummissjoni Ewropea fir-rigward ta' ksur li jirrigwarda l-istess ftehim, deċiżjoni ta' għaqda ta' intrapriżi, prattika miftiehma jew aġir ieħor ipprojbit mill-Artikolu 101 jew 102 tat-TFUE.

(ċ) Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi f'dan is-subartikolu għandu jiġi interrott b'effett mid-data tan-notifika tal-ewwel miżura ta' investigazzjoni formali lil tal-anqas intrapriża waħda jew għaqda ta' intrapriżi li tkun ipparteċipat fil-ksur allegat.";

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "Għemil li jinterrompi" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Miżuri ta' investigazzjoni formali li jinterrompu";

(d) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "li jkunu ppartecipaw fil-ksur." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "li jkunu ppartecipaw fl-allegat ksur.";

(e) is-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) L-interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jiġi tterminat fil-jum li l-Qorti tagħlaq il-proċeduri quddiemha billi tagħti sentenza skont l-artikoli 12Ċ, 13, 13A jew 21 ta' dan l-Att jew meta d-Direttur Ġenerali joħroġ deċiżjoni skont l-

artikolu 17 ta' dan l-Att jew meta d-Direttur Ġenerali jew il-Qorti jkunu kkonkludew li ma jkunx hemm raġunijiet għal aktar azzjoni min-naħa tagħhom.";

(f) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

"(8) Il-perjodu ta' preskrizzjoni għall-impożizzjoni ta' penali jew pagamenti perjodiċi ta' penali għandu jiġi sospiż sakemm il-proċeduri li ġew istitwiti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għadhom pendenti quddiem il-Qorti jew quddiem il-Qorti tal-Appell.".

Emenda tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali.

19. It-tieni proviso tas-subartikolu (1) tal-artikolu 27 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda wkoll meta l-kwistjoni ta' kompetizzjoni mressqa quddiem xi qorti ta' ġuriżdizzjoni ċivili hija soġġetta għal proċeduri pendenti istitwiti mid-Direttur Ġenerali quddiem il-Qorti, jew tista' tkun soġġetta għal proċeduri quddiem il-Qorti f'xi mument kif kontemplat fl-Att, kull qorti oħra ta' ġuriżdizzjoni ċivili fejn tqajmet il-kwistjoni ta' kompetizzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tirreferi l-proċeduri lill-qorti kompetenti.".

Emenda tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

20. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"30. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw ukoll għal kull dipartiment tal-Gvern jew għal kull korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew għal kull kumpanija jew soċjetà oħra li fihom il-Gvern, direttament jew indirettament, ikollu l-kontroll jew li lilhom il-Gvern ikun ikkonċeda drittijiet speċjali jew esklużivi f'xi qasam:

Kap. 12.

Iżda l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma għandux japplika għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu u għall-kawżi istitwiti mid-Direttur Ġenerali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att kontra xi dipartiment tal-Gvern, awtorità, aġenzija jew kwalunkwe korp tal-Gvern ieħor, fejn fl-opinjoni tad-Direttur Ġenerali, l-istess dipartiment tal-Gvern, awtorità, aġenzija jew kwalunkwe korp tal-Gvern ieħor iwettaq il-funzjoni ta' intrapriża kif imfissra taħt dan l-Att.".

Taqsima II
Emendi għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

Emendi għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Kap. 510.

21. Din il-parti temenda l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, minn hawn 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

22. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandhom jiżdiedu s-subartikoli (3) u (4) ġodda li ġejjin:

"(3) L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandu jkollu għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal ikkwalifikati u biżżejjed riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi li huma meħtieġa għat-twettiq effettiv ta' dmirijiethom, u għall-eżerċizzju effettiv tas-setgħat tagħhom għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE. Kap. 379.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-regoli u l-proċeduri baġitarji nazzjonali, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandu jingħata indipendenza fl-infiq tal-baġit allokat għall-fini li jwettaq dmirijietu kif stipulat fl-artikolu 14 ta' dan l-Att, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu.". Kap. 379.

Żieda tal-artikolu 13A fl-Att prinċipali.

23. Minnufih wara l-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 13A ġdid li ġej:

"Indipendenza.

13A. (a) Id-Direttur Ġenerali, l-uffiċjali tiegħu li jaħdmu fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni u kull persuna oħra li jassistu lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandhom:

(i) iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE, u kull responsabbiltà oħra vestita fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kif toħroġ minn dan l-Att, l-Att dwar il-Kompetizzjoni jew kwalunkwe regolament ieħor magħmul taħthom, b'mod imparzjali fl-interessi tal-applikazzjoni effettiva u uniformi tal-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE u b'mod indipendenti minn influwenza politika u kwalunkwe influwenza esterna oħra; Kap. 379.

(ii) lanqas jitolbu jew jieħdu istruzzjonijiet mill-Gvern jew minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra meta jkunu qegħdin iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u, jew tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Gvern, fejn applikabbli, li joħroġ regoli ġenerali ta' politika li mhumiex relatati ma' inkjesti settorjali jew investigazzjonijiet speċifiċi tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni;

Kap. 379.

(iii) jastjenu milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mat-twettiq ta' dmirijiethom u, jew mal-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE u jkunu soġġetti għal proċeduri li jiżguraw li, għal perjodu raġonevoli wara li jitilqu mill-kariga, jastjenu milli jittrattaw kawżi li jkollu jew kellu quddiemu l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni, li jistgħu jagħtu lok għal kunflitti ta' interess, kif ipprovdut fl-artikolu 46 ta' dan l-Att.

Kap. 379.

(b) Kull persuna li tista' tieħu deċiżjonijiet fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni jew f'kull regolament magħmul taħtu ma għandhiex titneħħa mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għal raġunijiet marbuta mat-twettiq tajjeb ta' dmirijietha, jew mal-eżerċizzju tajjeb tas-setgħat tagħha għall-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE:

Kap. 379.

Iżda l-persuna tista' titneħħa biss jekk hija ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietha jew jekk hija tkun instabet ħatja ta' mġiba ħażina serja taħt il-liġi nazzjonali, li tinkludi dan li ġej:

(i) jekk il-persuna tonqos milli taqdi dmirijietha b'mod imparzjali u indipendenti, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikoli 5 u, jew 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u, jew l-Artikoli 101 u, jew 102 tat-TFUE jew xi dmirijiet fir-rigward tal-impjieg tagħha li jemanu minn dan l-Att, mill-Att dwar il-Kompetizzjoni u minn kwalunkwe regolament magħmul taħthom; Kap. 379.

(ii) jekk il-persuna ġiet misjuba ħatja minn qorti kompetenti ta' reat kriminali taħt l-artikolu 28 ta' dan l-Att;

(iii) jekk il-persuna nstabet ħatja ta' reat kriminali li jaffettwa l-fiduċja tal-pubbliku, jew ta' serq jew frodi.".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

24. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) li jinvestiga prattiċi restrittivi li allegatament ixekklu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni u li jaġixxi bħala parti uffiċjali fi proċeduri istitwiti mid-Direttur Ġenerali u b'dan il-mod għandu jgawdi mill-istess drittijiet li jappartjenu lill-kontroparti tiegħu fil-proċeduri tal-Qorti, quddiem il-Qorti Ċivili taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni u fil-każ fejn hemm appell minn sentenzi tal-Qorti Ċivili mogħtija taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni, quddiem il-Qorti tal-Appell;"; Kap. 379.

(b) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) li jinkoraġġixxi l-intrapriżi u l-għaqdiet ta' intrapriżi biex iħarsu l-liġi tal-kompetizzjoni u jippromwovu prattiċi ta' negozju tajba u jippromwovi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-artikoli 5 u 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE;"; Kap. 379.

(ċ) il-paragrafu (k) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(k) li jikkoopera mill-qrib fin-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni bil-għan li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva u uniformi tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE u li jipparteċipa f'laqgħat organizzati minn aġenziji u

organizzazzjonijiet internazzjonali;".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali

25. Fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali l-kliem "taħt ir-reġim regolatorju tagħha." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "taħt ir-reġim regolatorju tagħha:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jista' jirrifjuta lmenti għar-raġuni li tali lmenti ma jitqisux bħala prioritá għall-infurzar.".

Emenda tal-artikolu 29 tal-Att Prinċipali.

26. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Fil-każ ta' deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) skont l-artikolu 17 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni jew fil-każ ta' kull informazzjoni jew materjal ippubblikat skont l-artikolu 19 tal-istess Att dwar il-Kompetizzjoni, jew fil-każ ta' oġġezzjonijiet jew deċiżjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, jew fi kwalunkwe każ ieħor fejn id-Direttur Ġenerali jikkunsidra neċessarju, il-persuni, l-intrapriżi jew l-għaqda ta' intrapriżi konċernati jistgħu jiġu mitluba sabiex jidentifikaw xi parti minn kwalunkwe deċiżjoni, oġġeżżjonijiet, pubblikazzjoni jew dokumenti li, fil-fehma tagħhom, ikun fihom sigrieti tan-negozju jew informazzjoni kunfidenzjali oħra.".

Kap. 379.

L.S. 379.08.

Emenda tal-artikolu 58 tal-Att prinċipali.

27. Fl-artikolu 58 tal-Att prinċipali l-kliem "minn żmien għal żmien jeħtieġ." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "minn żmien għal żmien jeħtieġ:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda b'referenza għal tali rapport, is-sezzjonijiet li jirrelataw mal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-ħatriet u s-sensji tad-Direttur Ġenerali u d-diretturi, l-ammont ta' riżorsi li jkunu ġew allokati fis-sena rilevanti u kwalunkwe tibdil f'dak l-ammont meta mqabbel mas-snin preċedenti. Tali rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.".

Emenda tal-artikolu 70 tal-Att prinċipali.

28. Minnufih wara s-subartikolu (7) tal-artikolu 70 tal-Att

prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu (8) ġdid li ġej:

Kap. 379.
Att Nru XLV tal-2021.

"(8) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni kif emendati permezz tal-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ma għandhomx japplikaw għall-investigazzjonijiet istitwiti mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u għall-kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji ppreżentati mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) skont l-Att dwar il-Kompetizzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Kompetizzjoni u l-Att dwar l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 489 tal-14 ta' Lulju, 2021.

CLAUDETTE BUTTIGIEG
Deputy Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati